MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
MARK CHETCUTI**

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2013

Appell Civili Numru. 10/2011

**Leisure & Theme Park Limited**

**vs**

**L-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ta' Leisure & Theme Park Limited tal-24 ta' Mejju 2011 mid-decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar tas-6 ta' Mejju 2011 li cahdet l-appell tas-socjeta appellanti mill-enforcement notice 171/10;

Rat ir-risposta tal-Awtorita li ssottomettiet li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tal-Bord konfermata;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tal-Bord li tghid hekk:

Ghaldaqstant, bl-applikabilita' ta' l-Artikolu 52(11) ta' l-Att 1 ta' l-1992, l-appell qed jigi michud filwaqt illi jinzamm ferm l-ECF 171/10.

**Ikkunsidrat**

L-aggravju principali tal-appellant hu s-segwenti:
1. Il-Bord applika hazin l-artikolu 52(11) tal-Kap. 356 ghal fatti tal-kaz u dan peress illi ha konjizzjoni ta' applikazzjoni maghmula mill-istess socjeta appellanti PA 6676/07 u erronjament iddecieda li din l-applikazzjoni saret biex tissana l-allegata irregolarita kolpita bl-enforcement notice meta dan ma kienx il-kaz.

L-artikolu rilevanti li fuqu hi mibnija d-decizjoni tal-Bord hu l-artikolu 52(11) tal-Kap. 356 kif kien fiz-zmien tal-allegata infrazzjoni li jghid hekk:
Jekk qabel ma jsir l-appell fil-mori tal-appell, l-appellant jissottometti lill-Awtorita applikazzjoni ghal permess ghall-izvilupp, il-Bord ghandu jichad l-appell jekk ikun sodisfatt illi l-imsemmija applikazzjoni hi intiza biex tissana l-izvilupp imsemmi fl-avviz ta' twettiq.

Hu ghalhekk obbligu tat-Tribunal li jara jekk applikazzjoni ghal zvilupp hix intiza biex tissana allegata illegalita kolpita b'enforcement notice.

F'dan il-kaz jirrizulta lil Qorti illi fil-31 ta' Ottubru 2007 l-appellant li jiggestixxi l-kumpless Splash and Fun f'Bahar ic-Caghaq, ghamel applikazzoni PA 6676/07 sabiex 'to remove facilities approved in PA 3467/05 (pergola, stand), relocate sanitary facilities,extend wave pool and introduce new water slide and erect kitchen for servicing tent' (ara fol. 40 tal-process).

Jidher mill-atti illi fit- 3 ta' Lulju 2007 giet approvata 'Multi purpose all weather recreational area' u skond il-perit tal-appellant din tigbed maghha forma ta' catering bix-xorb li hu perikoluz li jsir taht tinda minhabba riskju ta' hruq ta' materjal plastiku u billi s-sit hu espost ghall-elementi ma jistax jissogra cookers u apparat ta' elettriku jigu esposti ghal possibilita ta' dannu u ghalhekk saret kaxxa semi

rigida halli tigi protetta din il-kamra ta’ natura temporanja (ara fol. 9 u 10 tal-process). Zied li f’applikazzjoni PA 7022/04 li hu pjan holistiku tas-sit intier, hemm diversi strutturi mahsuba fosthom oggetti bhal kcina in kwistjoni. Fit-12 ta’ Marzu 2010 inhareg l-enforcement notice fuq l-istruttura li skond l-appellant hi biss kcina temporanja.

Il-kwistjoni li kellu l-Bord jiddetermina l-ewwel hu jekk l-istruttura hix wahda li kienet tehtieg permess ghax din hi kwistjoni ta’ ordni pubbliku ghax fuq hekk hu bazat l-enforcement notice. Jekk jigi stabbilit li hemm il-bzonn ta’ permess irid jindaga jekk l-applikazzjoni PA 7022/04 jew applikazzjoni PA 6676/06 kienux intizi biex jissanzjonaw allegati illegalita li tat lok ghall-enforcement notice in kwistjoni u kwindi l-applikazzjoni tal-artikolu 52(11) tal-Kap. 356. Din hi kwistjoni ta’ fatt li trid tigi indirizzata mill-Bord, illum it-Tribunal bid-debita serjeta u b’harsa mifruxa lejn il-fatturi kollha mertu tal-kwistjoni inkluz, is-sit, il-post fejn qed jintalbu l-istrutturi mertu tal-applikazzjonijiet imsemmija, komparati mas-sit fejn tinsab l-istruttura illegali. Hi wara din l-indagni li l-Bord jista’ jasal ghall-applikabilita o meno tal-artikolu 52(11), u f’kaz posittiv ghalhekk l-appell fuq l-enforcement notice jigi michud.

Harsa lejn id-decizjoni tal-Bord pero wiehed ma jsib xejn x’wassal lil Bord li jasal ghad-decizjoni tieghu hlief sentenza xotta li l-appell kien jed jigi michud konformament mal-artikolu 52(11).

In-nuqqas lampanti tal-Bord li jindirizza jekk l-artikolu 52(11) kienx applikabbli o meno tenut kont tal-appell u r-risposta hu zball tal-ligi fl-applikazzjoni tal-artikolu 52(11) tal-Kap. 356, u jgib fix-xejn id-decizjoni tal-istess Bord li ma ndirizzax l-aggravju u l-applikabilita o meno tal-artikolu 52(11) tal-Kap. 356.

Il-Qorti mhix ser tindirizza l-kwistjoni hi billi tqis li dan mhux sew peress illi l-Bord lanqas indirizza hu l-applikabilita tal-artikolu 52(11) tal-Kap. 356 ghall-fatti tal-kaz u l-mertu tal-appell. Dan l-izball li hu nuqqas ta’ applikazzjoni gusta tal-ligi ghal fatti tal-kaz ghandu jigi

indirizzat mit-Tribunal kif kompost illum bid-debita kompletezza li jimmerita.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ l-appell ta’ Leisure & Theme Park Limited fit-termini kunsidrati aktar il-fuq f’din id-decizjoni, u kwindi tirrevoka d-decisjoni tat-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar tas-6 ta’ Mejju 2011, u tirrinvija l-atti quddiem it-Tribunal ta’ Revizjoni tal-Ambjent u Ippjanar biex jerga’ jisma’ mill-gdid l-appell fuq l-atti quddiemu u jiddeciedi skond il-ligi. Spejjez ghall-Awtorita.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------